TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 932

KAZ NRU. 1181

Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn
General Workers Union
Taqsima Parastatali
u
Korporazzjoni Enemalta

Data : 24 ta' Frar 1998

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

MEMBRI : Is-Sur Frans Coleiro

Dr. Joseph Troisi

Il-Korporazzjoni Enemalta, aktar il-quddiem tissejjah il-"Korporazzjoni", ressqet eccezjoni prliminari fis-sens li Joseph D'Anastas bit-talba tieghu tad-9 ta' Ottubru 1996 kien talab Special Leave without pay biex jattendi kors l-Universita' u din it-talba giet milqugha mill-Korporazzjoni bl-ittra tal-5 ta' Novembru 1996. Dan jikkostitwixxi ftehim b'kuntratt bejn il-partijiet u ghalhekk Joseph D'Anastas ma jistghax jitlob xi drittijiet taht il-Ftehim Kollettiv li jiksru tali ftehim kuntrattwali.

Il-General Workers Union, aktar il-quddiem tissejjah il-"Union", tirritjeni li Joseph D'Anastas kien applika ghal Special Leave with pay fid-19 ta' Awissu 1996 liema talba giet michuda mill-Korporazzjoni bl-ittra datata 3 ta' Ottubru 1996. Ghalhekk biex ma jitlifx il-Kors ma kellux ghazla ghajr li jitlob Special Leave without pay. Barra minn hekk xi talba minn impjegat li kien taht pressjoni biex ma jitlifx kors ma tistghax tbiddel kundizzjonijiet stipulati fi Ftehim Kollettiv li ghandu forza ta' ligi.

It-Tribunal wara li kkunsidra is-sottomissjonijiet tal-partijiet wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

1. Sezzjoni 10 (1) ta l-Att li Jirregola Il-Kundizzjonijiet ta l-Impieg, Kap 135, jistipula li kundizzjonijiet li jsehhu permezz ta' ftehim industrijali ghandhom jitqiesu bhala il-kundizzjonijiet ta' l-impieg ghall impjegati koncernati.

2. Dan hu msahhah bil-provvediment f'Sezzjoni 36 (2) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, 1976, li zgura li ghalkemm kienu qed jigu mhassra it-Trade Unions and Trade Disputes Ordinance, 1945 u l-Conciliation and Arbitration Act, 1948 il-provvedimenti tas-Sezzjoni kkwotata hawn fuq kellha tibqa effettiva.

Ghalekk it-Tribunal jichad l-eccezjoni preliminari tal-Korporazzjoni u jordna li t-tilwima tkompli tinstema fuq il merti tal-kaz.

George Borg-Cardona

Chairman

Frans Coleiro

Membru

Joseph Troisi

Membru

George Attard

Segretarju

Ara dikjarazzjoni annessa.

## **Dikjarazzjoni tat-Tribunal**

It-Tribunal deherlu li kellu jkun prudenti fid-decizjoni biex ma jidholx f'materji li jistghu jinqalghu waqt is-smigh fuq il-mertu. Pero' in vista illi l-avukat ta' l-Enemalta hass illi kellu jqajjem il-kaz, it-Tribunal jista' jesprimi l-opinjoni tieghu fuq din, la hemm insistenza, u f'dak il-kaz hija sezzjoni 4(4) ta' l-att li jirregola l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg Kap. 135. Dan jistipula li fejn principal f'xi kuntratt jaghmel kundizzjonijiet anqas minn dawk specifikati f'*national standard order* isehhu dawn ta' l-ahhar minkejja l-kuntratt. F'sezzjoni 10(1) ftehim kollettiv huwa meqjus li ghandu l-istess sahha bhal *national standard order* dwar kundizzjonijiet ta' l-impjieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet ovvjament ahna ma ridniex bhala Tribunal insemmu din il-haga f'dan l-istadju. Pero' din hija l-bazi tad-decizjoni illi kuntratt bejn impjegat u principal skond il-ligi ma jistax iwaqqa' kundizzjonijiet ta' l-impjieg li jsehhu. Voldieri l-kaz se jibqa' jekk isehhux jew le dawn il-kundizzjonijiet.